# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **47** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **il-Ħamis 23 ta' Ġunju 2016 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Charlot Cassar |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |
| Skużati | Is-Sinjorina Desiree' Attard<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar |

***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 45 u 46.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Mistoqsijiet.
6. Mozzjonijiet.
7. Informazzjoni mill-Kunsilliera.
8. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 45(1) tad-19 ta' Mejju 2016:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi artiklu 2.1.5 ir-raba paragrafu paġna 5 trid tinbidel u tinqara kif ġej :

*'Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi għandna nkellmu lill-MEPA kif ukoll it-TM u l-Kunsill ma jibqax jittollera dwar il-fish farms għas-snin li ġejjin. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.'*

1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi artiklu 2.1.6 paġna 5 trid tinbidel u tinqara kif ġej :

*'Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jaqbel mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u fil-kaz illi l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud jagħmel mozzjoni fejn nagħmlu sejħa għal tender ġdid hu lest li jissekondah.'*

- **Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal fis-6 :22pm**

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ssekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mill-Viċi Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 45(1) tad-19 ta' Mejju 2016:**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 11 artiklu 6.1 it-tieni paragrafu rigward iz-zebra crossing quddiem il-Cool waters meta ser issir.

Is-Sindku wieġeb illi ser issir dalwaqt.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi meta jsiru humped zebra crossings tajjeb li jitpoġġew xi tabelli biex javzaw lis-sewwieqa minn qabel.

Is-Sindku qal illi diġa kien hemm tabelli u z-zebgħa saret l-għada li saret l-hump.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi feedback fuq artiklu 2.1.7 paġna 5 rigward ix-xogħolijiet tal-Enemalta fi Triq l-Iskal.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din it-triq ser tingħata it-tarmak pero' parti ser issir min naħa tal-Enemalta u l-parti tal-house connections ser issir min naħa tal-W.S.C. Kompla jgħid illi l-parti li ser issir min naħa tal-W.S.C ser ikun patching bil-hot asphalt u dan wara ħafna insistenza għaliex inizjalment il-house connections kienu se jsiru bil-cold asphalt.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi x-xogħol mhux ser issir sew bil-patching speċjalment fl-area tal-house connections u staqsa jekk il-Kunsill jistgħax joħroġ parti mill-flus sabiex din l-area issir sħiħa u mhux patching.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser ikun hemm problema għaliex il-Kunsill ma jistax jaqbez l-ammont ta' €1165 fuq direct order.

Sar qbil unanimu illi nkellmu lis-Sur Gino Micallef tal-W.S.C sabiex nipprovaw nilħqu kompromess rigward it-tarmak li ser issir min-naħa tagħhom.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 12 artiklu 6.4 staqsa jekk kellniex feedback min-naħa tal-Pulizija rigward it-talba tal-Kunsill biex jingħalaq l-aċċess fiz-zona ta' quddiem l-iskola waqt il-ħinijiet tal-iskola.

Is-Sindku qal illi jħoss li aħjar isiru bollards milli cones.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb illi l-Pulizija informati u għandhom jagħtuna risposta.

Sar qbil unanimu illi jsiru bollards minflok cones.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 13 artiklu 6.6 u qal illi hu ltaqa mal-Enemalta fuq il-post u ma l-ewwel ċans li jsibu ser jibdew jinbidlu l-lampi u l-cables li qiegħdin fi stat ħazin fi Triq il-Blajjiet kompla jgħid illi ħafna mix-xogħol diġa lest.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa kemm ser tiġi tiswa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi s-sitwazzjoni qiegħda fi stat ħazin ħafna u din il-biċċa xogħol għandha ssir.

Il-Kunsillier is-Sur Ciantar qal illi hemm bzonn li l-Kunsill ikun jqaf kemm ser tiġi tiswa minħabba l-budget.

Il-Kunsillier is-Sur Camilleri qal illi ser ikollna stima bejn wieħed u ieħor kompla jgħid illi jekk naraw li l-ispiza hija għolja għal Kunsill jista jipprova jkellem lill-Kuntrattur u jara jaċettax li l-Kunsill iħallas fuq medda ta' sentejn.

Sar qbil unanimu li issir stima għal dawn il-lampi.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 11 artiklu 6.1 jekk it-tabelli ġewx ordnati għal Triq il-Blajjiet.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb illi t-tabelli ġew ordnati.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 6 artiklu 2.1.9 u qal illi d-domes għandhom il-qiegħ tagħhom mifquħ fi Triq Għaxqet l-Għajn u dawn għandhom jinbiddlu u jsiru bins on wheels, kompla jgħid illi l-bins on wheels li hemm ħdejn il-bandli għandhom jitneħħew għaliex qed ikun hemm wisq ħmieġ mitfugħ magħhom.

Is-Sindku qal illi zdiedu l-bins on wheels minħabba li bdew jintlew malajr, kompla jgħid illi tajjeb li l-bins on wheels li hemm Pjazza Mifsud Bonniċi u wara Villa Sant'Anna jitpoġġew fi Triq Għaxqet l-Għajn u Triq il-Blajjiet u d-domes li hemm fi Triq il-Blajjiet jitpoġġew wara Villa Sant'Anna.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa fuq paġna 3 artiklu 2.1.4 jekk il-Kunsill ikkuntatjax lil persuni ikkonċernati rigward il-problema fi Ġnien Sant'Anna

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kkuntattja lil din il-persuna kif ukoll lill FAA fejn dawn irreferewh għand is-Sur Buhagiar. Kompla jgħid illi qalulu li dan mhuwiex iz-zmien idejali sabiex jitħawwlu s-siġar.

Is-Sur Ciantar qal illi lfi Ġnien Sant'Anna fadal biss 10 siġriet msejħa 'Cow itch tree' u jekk dawn jitneħħew il-Ġnien ser jispiċċa vojt. Kompla jgħid illi l-Kunsill qabel li daw is-siġar jinqalugħu aktar siġar ser ikunu qed neqirdu dan il-ġnien.

Is-Sindku qal illi hu ma jaqbilx mad-diskors tas-Sur Ciantar għaliex il-Kunsill qiegħed ipoġġi siġar oħra minflok il-cow itch.

Il-Kunsillier is-Sur Ciantar qal illi s-siġar jieħdu ħafna zmien biex jikbru u l-ġnien ser jibqa vojt għal ħafna zmien.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li s-siġar li ser jitħawwlu jkunu adekwati għal-ilma baħar għaliex meta tħaffer 'l isfel mill-ewwel issib l-ilma baħar.

Kien hemm qabil illi jitwaħħlu siġar endemiċi fi zmien il-Ħarifa u wara li nkunu ħadna parir mingħand Dr Buhagiar filwaqt li l-Kunsillier is—Sur Daniel Spiteri ġie inkarigat biex jikkordina fuq dawn ix-xogħolijiet.

2.1.8 Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 artiklu 2.1.5 u qal illi fil-laqgħa li għaddiet il-Kunsill tkellem fuq il-fishfarms u perss illi hu ma kienx prezenti ser jispjega x'ġara ezatt, qal illi dawn il-gaġġeġtal-ħut ittellaw fuq l-art sabiex jisewwew u reġgħu tnizzlu kompla jgħid illi meta hu kellem lil dan il-kuntrattur u tah target date u zamm magħha.

Is-Sur Charlot Mifsud qal illi meta kien hemm il-kwistjoni tal-gaġġeġ l-Kunsill ma kienx infurmat għaliex qalu li l-Kunsill ta' Marsaxlokk kellu x'jaqsam u mhux dak ta' Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi dawn għamlu x-xogħol mingħajr il-permess tal-MEPA u nfatti inħarġet enforcement notice lill dan il-kuntrattur kompla jgħid illi l-ħsara saret fil-mument li dawn il-gaġġeġ reġgħu tnizzlu fil-baħar u inġibdu bil-mazra u għamlu ħsara fil-qiegħ il-baħar.

- **<u>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ħareġ mil-laqgħa fis-19 :19</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kien hemm zewġ problemi f'dan il-kaz waħda minnhom illi l-kosta ta' San Tumas ġiet qisha zona industrijali għaliex dawn in-nies okkupaw il-bajja bix-xogħlijiet li kienu qed isiru u t-tieni problema kienet illi meta beda jitfa dawn il-gaġġeġ fil-baħar ħadd ma kellu garanzija li ma kienx hemm ħut fihom.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa lis-Sindku jekk jikkonfermax illi l-Bajja San Tumas hijiex zona industrijali.

Is-Sindku ikkonferma li dan mhux minnu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa lis-Sindku hekk hu jikkonfermax illi dawn il-gaġġeġ ma għamlu l-ebda ħsara f'qiegħ il-baħar.

Is-Sindku qal illi mhux fil-kompitu tiegħu li jikkonferma dan.

2.1.9 Is-Sindku tkellem fuq artiklu 6.5 paġna 12 fejn saret mozzjoni mis-Sindku sabiex jiġu mistiedna ftit membri mid-Douzelage għal karnival tas-sajf f'Marsaskala hu qal illi kull ma kien ser iħallas il-Kunsill kienu akkomodazzjoni għal zewġt iljieli u sitt ikliet li forsi setgħu jammontaw għal €600 b'kollox.

Kompla jgħid illi hu ma jafx għalfejn l-Kunsill ta' Marsaskala għandu dejjem ikun inferjuri minn Kunsilli u pajjizi oħra fejn dawn probabilment lanqas biss kienu jaċettaw l-istedina imma almenu min-naħa tagħna nkunu stidinijhom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jħoss illi dawk is-€600 ir-residenti ta' Marsaskala jistgħu jibbenefikaw b'mod aħjar.

Is-Sindku qal illi s-Sur Ciantar dejjem lest sabiex ifixkel, negattiv u ma jħalliex lil min jaħdem.

Il-Kunsillier is-Sur Ciantar qal illi hu għandu dritt jistaqsi għal spjegazzjoni lill-Kunsill u b'daqshekk mhu qed itellef xejn u lil ħadd.

Is-Sindku qal illi l-informazzjoni li dejjem talab is-Sur Ciantar dejjem ingħatatlu izda xorta waħda jibqa negattiv.

- **<u>L-ambaxxatriċi taz-zagħzagħ Nicole Busuttil daħlet għal laqgħa fis-7:35pm.</u>**

1.0 **<u>Qari w approvazzjoni tal-Minuti :</u>**

1.1 **<u>Laqgħa Nru 46(1) tat-27 ta' Mejju 2016 :</u>**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 2 ħames paragrafu għandu jinbidel u jsir :

'Saret diskussjoni fuq l-oġġezzjonijiet li kien daħħal il-Kunsill fosthom it-timber canopy, il-ħġieġ kif ukoll iz-zona fejn kienu qegħdin jintalbu biex isiru l-imwejjed u siġġijiet. Madankollu l-Kunsill qabel li għandha tingħatalu parti mill-istess zona mitluba filwaqt li għandhom jiċċaqalqu xi bankijiet. Il-Kunsillier Lawrence Ciantar qal li l-bankijiet għandhom jitwaħħlu fit-tarf cioe` mat-tarf tal-gym u l-imwejjed u siġġijiet m'għandomx jinħarġu sat-tarf tal-gate.'

**Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ssekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra.**

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 **<u>Punti li joħorġu mill-Minuti :</u>**

2.1 **<u>Laqgħa Nru 46(1) tas-27 ta' Mejju 2016 :</u>**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-bankijiet fi Pjazza Mifsud Bonniċi ma twaħħlux kif ġie miftiehem.

Is-Sindku qal illi l-Kunsillier Ciantar kekklu jmur mal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri meta mar għal laqgħa fuq il-post izda dan għal xi raġuni naqas jagħmel dan.

Il-Kunsillier Ciantar qal illi hu kellu impenji ora u ma setax jagħmel mod ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma setgħux isiru kif ġie mifthijem għaliex kienu ser jiġu fuq it-tapit tal-bandli u ma setax jieħu deċizjoni oħra waħdu. Kompla jgħid illi jekk ma humiex qiegħdin tajbin jistgħu jiċċaqalqu u jsiru kif mixtieq.

Kien hemm qbil unanimu li dawn il-bankijiet għandhom jitwaħħlu fil-post kif kien ġie miftiehem fis-seduta b'urġenza.

3.0 **Komunikazzjoni u korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill:**

3.1 **Kumment mill-Pubbliku wara li ġie ippublikat fil-magazin, il-proposta ta' one way fi Triq in-Nadur:**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsill illi ngħatna l-proposta ta' one way system fi Triq in-Nadur fuq il-magazin tal-Kunsill u rċivejna feedback tajjeb fejn ir-residenti qablu illi Triq in-Nadur tiġi one way system l-isfel filwaqt li Triq l-Għassies tiġi one way il-fuq, kompla jgħid illi l-unika ilment li kellna kienb li xi ħadd ipporpona illi d-direzzjoni ta' Triq il-Granmastri u Triq il-Kavallieri jinbiddlu.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi zmien ilu hu kien diġa għamel mozzjoni sabiex issir mera.

Saret diskussjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jintalab permess lit-Transport Malta sabiex issir humped zebra crossing fi Triq in-Nadur qabel il-kantuniera fi Triq il –Granmastri kif ukoll jaraw il-possibilita fejn tista issir mera fi Triq in-Nadur iktar l-isfel mill-istationery.

Kien hemm qbil unanimu li hekk kif tinfetaħ Triq il-Vjola napplikaw ma TMalta għal introduzzjioni ta' one way.

3.2 **Proposta għal memorandum li għandu jiġi iffirmat bejn il-General Manager tal-Community Workers Scheme Enterprise Foundation u l-Kunsilli Lokali fejnil-Kunsill japprova performance bonus lill-ħaddiema fuq diversi kriterji (35/2226/16/I) :**

Is-Sindku qal illi l-Kunsill għandu agreement mad-district operations u l-Kunsill għandu disa ħaddiema li qabel kienu taħt l-ETC, kompla jgħid illi din il-kumpanija qed titlob lill-Kunsill sabiex darba fis-sena nagħtu performance bonus lil dawn il-ħaddiema.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi d-diskuta mal-accountant kemm jiġi jiswa fis-sena u l-ammont jkun bejn wieħed u ieħor €5,000.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa x'inhuma l-working hours ta' dawn il-ħaddiema għaliex fil-kuntratt mhuwiex stipulat u kompla jgħid illi fil-kuntratt hemm imnizzel li jridu jaħdmu 40 siegħa fil-ġimgħa pero mhux min x'ħin sa x'ħin iridu jaħdmu.

Is-Sindku spjega r-rwoli tal-ħaddiema kif inhuma fil-prezent u spjega li tnejn minn dawn il-ħaddiema jkunu f'San Tumas inaddfu minn fej it-trunċiera sa fejn Villa Sant Anna inkluz l-outdoor gym.

Il-Kunsillier is-Sur Ciantar qal illi l-Kunsill iħallas lill-ELC għal dan ix-xogħol.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-Kunsill għandu jkollu kontroll fuq dawn il-ħaddiema fosthom kemm qed jagħmlu siegħat.

Is-Sindku qal illi l-assesment fuq dawn il-ħaddiema jsir kull ġimgħa min-naħa tiegħu.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu m'għandux ħin jissorvelja lil dawn il-ħaddiema kompla jgħid illi apparti x-xogħol tal-Kunsill hu jieħu ħsieb lill ħaddiema tal-IPSL u għalhekk m'għandux ħin għalihom ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk dawn in-nies għandhomx abbilitajiet għaliex jekk huma motivati tajjeb li ntuwho, xogħlijiet akbar.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi jidher li saret diskussjoni mas-Sur Cohen u tapplika għal Kunsilli Lokali kollha u staqsa x'inhi l-policy għaliex jekk għandna din il-policy u jiġu l-awdituri irridu naraw kif ħa tikkonvinċijhom fuq liema bazi ingħataw dan il-performance bonus.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi d-deċizjoni trid tittieħed mill-Kunsilliera.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi jekk aħna ser noħorġu €5000 tajjeb li nkunu nafu li x-xogħol sar u ħadna l-frott minnu.

Is-Sindku qal il-Gvern qed itina €150,000 ħaddiema b'xejn kull sena u aħna irridu noħorġu biss €5000 fuq il-ħaddiema kollha darba fis-sena bħala performance bonus staqsa min qed jigwadanja l-izjed.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi dawn se jkunu flus li flok ingħataw mill-fond nazzjonali ser jinħarġu mill-allokazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal kieku nistgħu nutilizzaw dawn il-ħaddiema minflok kuntratturi li għandna fil-prezent u nwaqqgħu l-kuntratt ikkonċernat nkunu qed nieħdu valur ta' xogħol sew.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona li jkollu l-lista tal-ħaddiema bil-ħinijiet tax-xogħol u x-xogħolijiet li jkunu qed jagħmlu.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi jekk dawn il-ħaddiema jagħmlu x-xogħol li ntuwhom għandhom jieħdu dan il-bonus.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jaqbel li ntuwhom xi ħaġa bonus pero irid ikun hemm accountability.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan l-item jerġa jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

Is-Sur Cassar qal illi fuq id-diskussjoni preċedenti rigward il-ħaddiema tal-community works scheme jaqbel illi l-Kunsill jidentifikaw x-xogħolijiet kollha li jridu jsiru mill-ħaddiema imbgħad tkun responsabbilita' tal-kumpanija sabiex tagħmel l-evalwazzjoni finali tagħha u bbazzata fuq kemm intlaħqu l-miri li kien ippropona l-Kunsill jingħota l-performance bonus.

3.3 <u>**Fl-1 ta' Lulju se tintefaħ l-ewwel offerta bis-sistema tal-EPPS:**</u>

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega lil Kunsill illi fl-1 ta' Lulju ser joħroġ l-ewwel tender bis-sistema elettronika tal-e-tendering u rċivejna email bid-direttivi fejn tgħid illi bħala opening staff jistgħu ikunu l-ħaddiema tal-Kunsill u mhux biss il-Kunsilliera. Kompla jgħid illi l-laqgħa mal-bord tal-aġġudikazzjoni ser issir fis-6 ta' Lulju fl-10:00am.

3.4 <u>**Laqgħa mal-kumitat tal-Karnival għall-attivita' li ser issir fil-21 ta' Awwissu ġewwa Marsaskala :**</u>

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi saret laqgħa mal-kumitat tal-Karnival fejn ġew diskussa l-fondi li ingħata l-Kunsill min naħa tad-dipartiment tal-Gvern Lokali u qed jevalwa l-aħjar mod sabiex jiġu uttilizzati dawn il-flus. Kompla jgħid illi l-Kunsill xorta waħda ser joħroġ parti mill-flus pero l-Kunsill ma għamel l-ebda attivita din is-sena allura jiflaħ joħroġ parti mill-flus fuq din l-attivita'.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk tkellimx mal-kumitat fejn l-aħjar li jitpoġġew il-kiosks u jekk hux ser isiru mobile toilets.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi mar magħhom fuq il-post sabiex jistabilixxu fejn l-aħjar li jsiru l-kiosks u li ser nordnaw anke mobile toilets għal din l-attivita'.

3.5 **<u>Stima mil-Perit għal bandli ta' Zonqor (35/2364/16/I):</u>**

Ġie deċiż illi għandha issir laqgħa mal-Perit sabiex tiġi diskussa din l-istima.

3.6 **<u>Rapport ta' ħsarat fil-vettura (35/2383/16/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi daħlet korrispondenza mingħand is-Sur Antoine Galea fejnbgħatilna rapport tal-Pulizija kif ukoll ritratt għaliex ġarrab xi ħsarat fit-tyre meta daħal fil-bankina li hemm f'kantuniera fi Triq il-Qaliet minħabba nuqqas ta' dawl li hemm fit-triq.

Il-Kunsill qabel illi jagħti 65% tal-ammont globali tal-ħsarat li ġarrab is-Sur Galea cioe €50.05.

4.0 **<u>Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet :</u>**

4.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irrimarka fuq pagament numru 3719 u qal illi l-ammont ta' €530,00 huwa għoli ħafna għal tindif biss.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi fl-invoice hemm tlett xogħolijiet illi saru min naħa tal-kuntrattur fosthom tindif quddiem il-convenience shop, tneħħija ta' ċangaturi u biċċiet ta'dgħajjes b'hekk l-ammont tela għal €530.00.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi r-raba kennies li suppost qiegħed jiknes fil-lokalita' mhux qed ikun f'Marsaskala.

Sar qbil unanimu illi nkellmu lill-Kuntrattur Bezzina dwar dan.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri irrimarka fuq pagament numru 3705 u qal illi l-magazin ma tqassamx kullimkien u għad hemm residenti li ma rċewehx minn diversi toroq fosthom Triq il-Batterija taz-Zonqor, Triq is-Sdieri u Triq Patri Wistin Born allura l-pagament m'għandux jinħareġ sakemm mal-magazin jitqassam kullimkien.

Is-Sindku qal illi tajjeb inġibu kwotazzjoni mill-posta u naraw kemm tiġi tiswina biex jitqassam il-magazin bil-posta.

Sar qbil unanimu dwar dan.

**Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri issekonda.**

Il-Kunsill approva unanimament.

5.0 **<u>Mistoqsijiet :</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

6.0 **<u>Mozzjonijiet :</u>**

6.1 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (#126-10/6/16):</u>**

‘’Jipproponi li ssir zebra crossing fi Triq id-Daħla ta’ San Tumas viċin il-Knisja ta’ San Gaetano.’’

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6.2 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (#127-15/6/16) :</u>**

‘’Jipproponi biex it-traffic islands fit-tela taz-Zonqor ezatt fejn hu sorġut il-kajik jitnaddfu miz-zrar maħmuġ u jimtlew bil-ħamrija, wara jinzergħu xtieli biex jisebbaħ l-ambjent.’’

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6.3 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ssekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (#128-15/6/16) :</u>**

‘’Jipproponi biex fi Triq iz-Zonqor fuq bankina indikata nagħmlu zewġ bankijiet ġodda.’’

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

7.0 **<u>Informazzjoni mill-Kunsilliera :</u>**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi s-Sur Casingena kiteb ktieb u fit-28 ta’ Ġunju stieden il-Kunsilliera fis-sala ta’ taħt il-Knisja għal inawgurazzjoni ta’ dan il-ktieb.

8.0 **<u>Aġġornament :</u>**

L-Aġenda ġiet ezawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9 :30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 20 ta’ Lulju fil-5 :00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |